MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 142/2007

**Public Broadcasting Services Limited**
**(C13140)**

**Vs**

**Victor Cutajar (ID563657M) u Maria Stella Sciberras (ID364964M) f'isimkom personali u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'**
**Body Promise Trading Agency (P889)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm525) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilhom jew min minnhom.

Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata fis-17 ta' Settembru, 2007 li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet l-pretensjonijiet taghha kollha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta stante transazzjoni bejn il-partijiet, b'dana li tirriserva l-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu limitatament ghall-ispejjez li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------